# IT-TIELET PARTI — QORTI TAL-KUMMERĊ

**23 ta' Jannar, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

George Mercieca

*versus*

Carmelo Mangion

**Ritrattazzjoni — Provi Foloz — Kompetenza**

*Kawża li ssir biex il-Qorti tiddikjara foloz xi provi li saru f'kawża oħra, u li għalhekk tkun pre-ordinata għal ġudizzju ta' ritrattazzjoni ta' dik il-kawża l-oħra, mhux neċessarjament trid issir quddiem il-Qorti li quddiemha saru l-provi li jridu jiġu attakkati, jew li quddiemha tkun trid tiġi ritrattata l-kawża. Il-kompetenza tispetta lill-Qorti ndipendentement minn dawn il-konsiderazzjonijiet; b'mod illi jekk il-kawża għad-dikjarazzjoni tal-falsità tal-provi attakkati ma tkunx ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ, ma ssirx ta' kompetenza tagħha billi l-kawża l-oħra ġiet deċiża minnha, jew fuq ir-rifless illi l-kawża tkun trid tiġi ritrattata quddiemha.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi fil-kawża quddiem din il-Qorti deċiża fl-10 ta' Novembru 1961, fl-ismijiet "Carmelo Mangion vs. George Mercieca" (nru. 596 tal-1961), il-konvenut xehed illi hu kreditur tal-attur fis-somma ta' £125; u illi dawn kien ħallashom hu stess lilu bħala akkont fuq prezz ta' karrozza "Humber" li, kif allega l-konvenut, kien wegħdu li l-attur ibiegħlu; u li dan mhux veru, kif jirriżulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża; talab illi x-xhieda tal-konvenut attur fl-imsemmija kawża, hija mingħajr bażi vera fil-fatti, u għalhekk falsa. Bl-ispejjeż, u b'riżerva għal kull dannu u spiża illi l-istess attur sofra minħabba l-istess xhieda falsa, li għalihom jipproċedi b'ġudizzju separat;

*Omissis;*

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti dwar l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti;

Il-konvenut mhux kummerċjant, u l-kawża mhix ta' natura kummerċjali. L-attur jippretendi li din hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża, l-ewwelnett, għaliex it-testimonjanza li hu jrid jattakka b'falsità ġiet mogħtija f'kawża deċiża minn din il-Qorti; din, iżda, mhix raġuni tajba biex tirrendi lil din il-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' kawża aventi bħala oġġett iddikjarazzjoni li l-imsemmija testimonjanza hija falsa. Fittrattazzjoni orali tal-eċċezzjoni l-attur deher li jippretendi wkoll illi, peress li t-testimonjanza falsament mogħtija fl-imsemmija kawża tikkostitwixxi reat li għandu x'jaqsam, kif hu jgħid, mal-att ta' kummerċ li kien ta lok għal dik il-kawża, hi din il-Qorti li għandha ġurisdizzjoni, jiġifieri kompetenza, biex tiddikjara dik it-testimonjanza falsa; dan, iżda, ma hux il-każ; imma anki kieku kien, dak l-att ma kienx kummerċjali għall-konvenut attur f'dik il-kawża. Fl-aħħarnett, l-attur jippretendi li hi din il-Qorti li għandha tieħu konjizzjoni tal-kawża għaliex l-istess hi preordinata għar-ritrattazzjoni tal-kawża l-oħra li għandha ssir quddiem din il-Qorti; iżda, fil-waqt li hu veru li t-talba għar-ritrattazzjoni għandha ssir quddiem il-Qorti li tkun tgħat is-sentenza attakkata ma hemm ebda regola, u ma jistgħax raġjonevolment ikun hekk, u ma hemm l-ebda raġuni, għaldaqstant, il-għaliex — anzi l-kuntrarju — is-sentenza li tiddikjara falsa l-prova li fuqha tkun ġiet deċiża s-sentenza attakkata, trid tkun ġiet deċiża millistess Qorti;

Għaldaqstant tilqa' l-eċċezzjoni, u tiddikjara li mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż kontra l-attur.